2025/1009

27.5.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1009

tas-26 ta' Mejju 2025

dwar l-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Berthoud"

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 64(2) flimkien mal-Artikolu 66(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 59(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143, flimkien mal-Artikolu 66(2) ta' dak ir-Regolament, l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Berthoud", ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/1143.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fir-rigward tal-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Berthoud" (STG) hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj.
([2]) ĠU C, C/2025/483, 23.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/483/oj.